# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

## IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tad-9 ta' Novembru 2001**

**Citazzjoni numru 527/99 GC**

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Modern Plastic Containers Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta:-

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta' Modern Plastic Containers Limited fis-somma ta' tmint'elef liri Maltin (Lm8000) import ta' erba' kambjali migbudin mis-socjeta' Articraft Creative Services Limited fuq is-socjeta' Modern Plastic Containers Limited u ggirati favur is-socjeta' attrici li kopja taghhom qed tigi hawn esebita "animo ritirandi" u markati Dok "A1" sa "A4";

U illi dawn l-erba' kambjali huma skaduti u mmaturaw fil-31 ta' Mejju 1995 u ma gewx imhallsa mill-konvenuta socjeta' Modern Plastic Containers Limited;

U illi d-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta' attrici, l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu u ghalhekk dan id-debitu jinkwadra ruhu fl-artikoli 167 et seq tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);

U illi s-socjeta' attrici interpellat lill-konvenuta socjeta' Modern Plastic Containers sabiex thallas dawn il-kambjali skaduti permezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Jannar 1998 hawn esebita u mmarkata "Dok B" izda din baqghet inadempjenti;

Ghalhekk il-bank attur talab li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-artikoli 167 et seq tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap12); u

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmint'elef liri Maltin (Lm8,000) import ta' erba' kambjali migbudin mis-socjeta' Articraft Creative Services Limited u ggirati favur is-socjeta' attrici (Dok "A1" sa "A4");

Bl-ispejjez kopmrizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Jannar 1998 u l-imghaxijiet legali mill-31 ta' Mejju 1995, sad-data ta' l-effettiv pagament u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment ma' l-istanti kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit :-

1. Preliminarjament, id-ditta esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, ghax il-gira in kwistjoni, li mhix wahda in bjank, hija bla data u kwindi nulla;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-kambjali in kwistjoni huma nulli minhabba frodi da parti tal-girant, u minhabba nuqqas ta' kawza funzjonali, peress li ma inghatatx konsiderazzjoni ghall-valur ta' l-istess kambjali mill-istess traent/girant;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha rilevanti tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mil-bank attur;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta attrici;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjet konvenuta b'referenza ghal-ewwel eccezzjoni taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju 2000 minn fejn jirrizulta li din il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni;

Ikkonsidrat:

Bil-presenti qed tigi deciza l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta. Din l-eccezzjoni hi fis-sens li l-istess socjeta konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, stante li l-gira in kwistjoni, li mhix wahda in bjank, hija bla data u kwindi nulla;

Il-bank attur qed jitlob li s-socjeta konvenuta tigi kundannata li thallas somma li tirrappresenta l-import ta' xi kambjali migbudin minn socjeta ohra fuq is-socjeta' konvenuta u ggirati favur il-bank attur. Fl-eccezzjoni preliminari taghha s-socjeta konvenuta qed issostni li l-kambjali in kwestjoni huma nulli stante li l-gira, li mhux wahda in bjank, hi bla data;

L-artikolu 139 tal-Kodici tal-Kummerc jipprovdi li l-gira tista ssir billi jitnizzlu fiha l-isem ta' dak li lilu, jew li ghall-ordni tieghu, ghandu jsir il-hlas, id-data tal-gira u partikolaritajiet ohra. L-istess artikolu jipprovdi li l-gira tista ukoll issir in bjank bil-firma biss tal-girant;

Dan l-artikolu, li jistipula kif tista issir il-gira ta' kambjala, jipprovdi li l-istess gira tista jew issir a favur ta' persuna partikolari u dana billi jitnizzel l-isem tal-istess persuna partikolari kif ukoll xi partikularitajiet ohra taghha. F'dan il-kaz il-ligi tindika ukoll li ghandha titnizzel id-data tal-gira. L_istess artikolu jipprovdi ukoll li l-istess gira tista ssir in bjank, cioe minnghajr ma tissemma ebda persuna li a favur taghha qed issir l-istess gira u dana billi semplicement ikun hemm il-firma tal-girant;

Hu evidenti mit-termini ta' dan l-artikolu li l-minimu rikjest mill-ligi sabiex il-gira tkun valida hu li l-girant semplicement jiffirma l-kambjala, minnghajr il-bzonn li jizdiedu ebda partikolarijiet ohra. Lanqas hemm ghalfejn li jigi indikat favur minn qed issir l-istess gira. Li hu importanti, ghalhekk, sabiex il-proprjeta ta' kambjala tghaddi ghand hadd iehor, hu li semplicement jkun hemm il-firma tal-girant. Il-fatt li, fil-kaz specifiku, ma gitx indikata d-data tal-gira ma jannullax l-istess gira. Mhux necessarju "ad validitatem" li meta ssir "gira piena" (f'kaz ta' gira li ssir a favur ta' xi persuna specifika) ikun hemm ukoll indikat id-data tal-gira;

In vista tal-premess il-kambjali u l-gira taghhom a favur tal-bank attur ghandhom jigu ritenuti li huma validi u ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta ghandha tigi rigettata;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta;

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.